MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tal-14 ta' Diċembru 2015**

Rikors Maħluf Numru: 272/15 LM

**AC Fuels Limited (C 60673)**

**vs**

**Anthony Schembri (KI: 0671761M) u Christopher Schembri (KI: 0362782M), flimkien eżerċitanti l-kummerċ taħt l-isem Schembri Fuels u Jacqueline Schembri għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tal-avukat Dr. Johnaton Abela (KI: 376185M) u ta' Nicholas Sammut (KI: 140083M) in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi **AC Fuels Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") ippreżentat fis-23 ta' Marzu,

2015 fejn ikkonfermaw bil-ġurament u għar-raġunijiet imfissra talbu li din il-Qorti:

*Illi s-soċjetà esponenti topera fil-qasam ta' import, export, wholesale u distributorship taż-żjut f'Malta u tippossjedi l-liċenzji kollha neċessarji biex tagħmel dan ix-xogħol mill-awtorità Malta Resources Authority, mill-awtorità Transport Malta, u mid-Dwana ta' Malta;*

*Illi l-konvenut Anthony Schembri huwa persuna liċenzjat mill-awtorità Malta Resources Authority u d-Dwana ta' Malta bħala distributur tal-fuel, u dan hekk kif jidher minn Dok. ACF1 anness;*

*Illi s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tal-konvenuti fl-ammont ta' mija u tmenin elf, tliet mija u tnejn u ħamsin euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€180,352.28) rappreżentanti prezz ta' fuel mibjugħ u kkonsenjat lill-konvenuti skont statement anness u mmarkat bħala Dok. ACF2;*

*Illi dan id-debitu għadu dovut sal-lum stante li ilu ma jsir pagament akkont;*

*Illi madankollu l-konvenuti dejjem aċċettaw ir-responsabbiltà għall-ħlas u wiegħdu li l-ħlas ser isir u dan hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża u hekk kif jidher ukoll mill-anness Dok. ACF3-4, fejn jidher li l-konvenuti, solidament struzzjonaw debituri tagħhom sabiex iħallsu direttament lis-soċjetà rikorrenti;*

*Illi l-konvenuti kienu ħarġu wkoll diversi assenji bankarji lis-soċjetà attriċi bħala ħlas għall-konsenji ta' fuel, liema cheques però baqgħu ma ssarrfux billi qatt ma kien hemm fondi fil-kont bankarju minn liema*

*ħarġu dawn l-assenji, u dan hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża u kif jidher minn Dok. ACF5;*

*Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti talbet lil din il-Qorti:*

*1. Tiddikjara li s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tal-konvenuti, in solidum, fl-ammont ta' mija u tmenin elf, tliet mija u tnejn u ħamsin euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€180,352.28) rappreżentanti prezz ta' fuel mibjugħ u kkonsenjat lill-konvenuti skont statement anness u mmarkat bħala Dok. ACF2;*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti, in solidum, fl-ammont ta' mija u tmenin elf, tliet mija u tnejn u ħamsin euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€180,352.28) kif ukoll l-imgħax legali fuq l-ammont individwalment fatturati mid-dati tar-rispettivi fatturi skont kif elenkati fl-istatement anness u mmarkat bħala Dok. ACF2, sal-ġurnata tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż inkluż tal-mandat ta' qbid ippreżentat kontestwalment u dak ta' sekwestru ppreżentat qabel il-kawża u bl-imgħax.*

Rat il-verbali tad-seduta tal-29 ta' Mejju, 2015 u tat-8 ta' Ottubru, 2015 fejn, wara li aċċertat ruħha li l-konvenuti **Anthony Schembri, Christopher Schembri u Jacqueline Schembri** (minn issa 'il quddiem "il-konvenuti") għalkemm debitament notifikati ma kinux ippreżentaw risposta maħlufa, din il-Qorti ddikjarathom bħala kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti li ġew esebiti mill-kontendenti.

Semgħet id-depożizzjoni tal-avukat **Dr. Johnaton Abela**.

Rat il-verbal tas-seduta tat-16 ta' Novembru, 2015 fejn il-konvenuti ngħataw il-fakultà li fi żmien għaxart ijiem jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet a tenur tal-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12.

Rat il-verbal tal-istess seduta fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Għar-raġunijiet kollha premessi, u tenut kont tad-dokumenti u xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi, hemm provi biżżejjed in sostenn tat-talbiet attriċi u fil-kontumaċja tal-konvenuti, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi -

**1. Tiddikjara li s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tal-konvenuti, *in solidum*, fl-ammont ta' mija u tmenin elf, tliet mija u tnejn u ħamsin euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€180,352.28) rappreżentanti prezz ta' fuel mibjugħ u kkonsenjat lill-konvenuti skont l-istatement anness mar-Rikors Maħluf u mmarkat bħala Dok. ACF2;**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti, *in solidum,* fl-ammont ta' mija u tmenin elf, tliet mija u tnejn u ħamsin euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€180,352.28)**

**kif ukoll l-imgħax legali fuq l-ammont individwalment fatturati mid-dati tar-rispettivi fatturi skont kif elenkati fl-istatement anness mar-Rikors Maħluf u mmarkat bħala Dok. ACF2, sal-ġurnata tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż kollha ta' din il-kawża a karigu tal-konvenuti.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------